MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 59/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Paul Busuttil, John Busuttil, Francis Busuttil, Agnes Zammit (u wara l-mewt taghha l-atti kienu trasfuzi f'isem Paul Zammit u Jane Camilleri bhala werrieta u Evaristo Zammit bhala uzufruttwarju) u Michael Busuttil (u b'digriet tal-Bord tat-12 ta' Frar 2009, l-atti kienu trasfuzi f'isem l-John, Raymond u Emanuel Busuttil bhala werrieta u Olga Busuttil bhala uzufruttwarja tal-intimat Michael Busuttil wara l-mewt tieghu fid-9 t'Awissu 2006) u Paul Richard Busuttil.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 20 ta' Novembru 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-

awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’Hal Safi, limiti taz-Zurrieq tal-kejl ta’ madwar 272 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Giuseppe Busuttil Testaferrata u ohrajn, mill-Lbic ma’ propjeta’ ta’ Emanuel Busuttil, u mill-Grigal ma’ triq pubblika, huwa ta’ erbatax-il elf u sitt mitt lira Maltin (Lm14,600) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joseph Mizzi A.&C.E. tat-23 t’Ottubru 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tad-29 ta’ Novembru, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ mija u hmistax il-elf Lira Maltija (Lm115,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-intimati kienu ikkontestaw l-offerta tar-rikorrenti Kummissarju tal-Art u dan permezz ta’ ittra ufficcjali bid-data tad-29 ta’ Novembru 2000 fejn intimati ddikjaraw li l-art espropprijata ghandha valur ta’ mija u hmistax-il elf liri Maltin (Lm115,000) u mhux kif offert mir-rikorrenti;

Illi in sostenn tal-oggezzjoni tieghu, l-intimati ressqu bhala xhud lill-perit arkitett tieghu li xehed li skond hu l-valur tal-art huwa ta' Lm60,000 bhala art fabbrikabli.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Frederick Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

"Jirrizultalna ukoll illi ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88), l-istess art esproprijanda tikkwalifika bhala art fabrikabbli jew Building site a basi tal-istess ligi u konsiderando l-kejl superficjali tal-istess sit esproprijanda cirka 272 m.kwadri, il-posizzjoni relattiva taghha li qeghda f'zona ta' area ta' zvilupp fir-rahal taz-Zurrieq flimkien mar-rati ta' prezzijiet relattivi ta' artijiet simili fl-istess inhawi fi zmien in Notice To Treat (Novembru 2000), minn kalkoli li ghamilna, nistmaw il-valur ta' Plot 2 Triq il-Hajt Ruman, Safi/Zurrieq sbokkanti minn Triq Hal Safi, Zurrieq huwa tas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u mitejn liri maltin libera u frnaks (LM27,200.00) ekwivalenti ghal Euros 63,359.00".

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut il-bicca art f'Hal Safi, limiti taz-Zurrieq tal-kejl ta' madwar 272 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Giuseppe Busuttil Testaferrata u ohrajn, mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Emanuel Busuttil, u mill-Grigal ma' triq pubblika' lir-rikorrenti, liema art hija wahda fabrikabbli versu l-kumpens ta' tlieta u sittin elf tlett mija disa u hamsin euro (Euros 63,359.00) oltre l-imghax legali spettanti lil-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fid-9 ta' Gunju, 2009 fit-3.00pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr.

Alexandra Mizzi LL.M., LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------